**Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja 2019** **Il-Malti: It-Taħdit** **L-Iskema tal-Marki**

**Isem u Kunjom** ________________________________________ **Klassi:** __________

| IL-KRITERJI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-MALTI MITKELLEM | | | NOTI U KUMMENTI | IL-MARKA |
|---|---|---|---|---|
| **Il-vokabularju (4 marki)**<br>**0 - 1 - 2 - 3 - 4** | | | | |
| Jinqeda biss bi kliem u frażijiet bażiċi fil-mod kif jesprimi ruħu. Idur għal kliem jew frażijiet b'lingwa oħra li mhix il-Malti. | | Juża firxa wiesgħa ta' vokabularju li jkun addattat għas-sitwazzjoni partikolari tat-taħdit. | | |
| **It-taħdit mexxej u l-interazzjoni (4 marki)**<br>**0 - 1 - 2 - 3 - 4** | | | | |
| Jaf ikompli ma' min qiegħed ikellmu, imma jkun jeħtieġ għajnuna kontinwa. | | Jaf ikompli ma' min qiegħed ikellmu, bla skossi u mingħajr tbatija żejda. | | |
| **Il-korrettezza grammatikali (4 marki)**<br>**0 - 1 - 2 - 3 - 4** | | | | |
| Jieħu żbalji morfoloġiċi u sintattiċi. | | Jinqeda b'kostruzzjonijiet morfoloġiċi u sintattiċi korretti. | | |
| **Ir-relevanza tad-diskors (3 marki)**<br>**0 - 1 - 2 - 3** | | | | |
| It-tweġibiet mhumiex relevanti minkejja l-għajnuna li jingħata. | | Jifhem il-mistoqsijiet u/jew l-istruzzjonijiet u jwieġeb b'mod relevanti. | | |
| **It-tlissin tal-kliem u l-intonazzjoni tad-diskors (3 marki)**<br>**0 - 1 - 2 - 3** | | | | |
| Il-kliem huwa mlissen b'mod żbaljat u b'influwenza ta' lingwa barranija fl-intonazzjoni. | | Il-kliem huwa mlissen b'mod tajjeb u b'intonazzjoni korretta. | | |

| **Żewġ Marki Speċjali** |
|---|
| **Taħriġ 3 – Stampa Waħda (marka)** - Tingħata lill-istudenti li f'dan it-taħriġ jilħqu **mill-anqas 2 kriterji** minn dawn:<br>▪ Jiddeskrivu bir-reqqa u fid-dettall dak li hu ppreżentat fl-istampa u anke dak li mhux daqstant espliċitu li jinqabad mal-ewwel daqqa t'għajn.<br>▪ Jinterpretaw dak li qed jaraw b'mod loġiku, u xi drabi b'rabta mal-esperjenzi personali tagħhom.<br>▪ Jintuża vokabularju magħżul u elaborat li jikkorrispondi mal-istampa murija.<br>Noti u kummenti: ____________________ |
| **Taħriġ 4 – Staqsini Inti (marka) -** Tingħata lill-istudenti li f'dan it-taħriġ jilħqu **mill-anqas 2 kriterji** minn dawn:<br>▪ Jagħmlu mistoqsijiet diretti u inferenzjali biex jiksbu tagħrif tematiku u ieħor mhux daqstant espliċitu fl-istampa.<br>▪ Jużaw mistoqsijiet li juru sekwenza u rabta ma' dak muri fl-istampa.<br>▪ Ikunu insistenti fil-mistoqsijiet tagħhom u juru li meta mhumiex sodisfatti, jafu jerġgħu jsaqsu mistoqsijiet oħra li jibnu fuq ta' qabilhom.<br>Noti u kummenti: ____________________ |